# L-imħabba l-falliment?

Beverly Agius

*L-imħabba l-biża', il-mistħija,*
*il-kapriċċ.*
Adrian Grima

*Miġnun warajk*. Miġnun.
*Ma nistax ngħix mingħajrek*. Mingħajrek.
*Ma nixtieqx nitilfek*. Nitilfek.

Dat-truf ta' kliem li qbadt minn tarf ilsienek
idur ħelu ħelu f'widnejja. Kollu konsonanti
mleħħnin u oħrajn li jfallu n-nifs. Fin-nifsijiet
jitħalltu tal-innifisna. Falliment? Ma nitniffisx.

Dal-fonemi: b'ħosshom u bi skiethom
jaqsmu minn *seat* għal *seat* – waqt li l-Youtube
idoqq in-No Air ta' Sparks fil-Fiat –
iħassbuni. Tgħid huma falliment fin-nifs
daqskemm fit-taħbit tal-qalb li donnha nġabret
bis-seħer tal-kif? Jiġru l-affarijiet. Jiġru f'kif
f'għajnejk il-poeżija tinkiteb weħedha. F'kif
f'idejja r-rogħda tiġri u l-muta titkellem
għax idejja ma jibdewx m'għajnejk elokwenti.

U nistħi quddiem vrusek – li ħażżiżtli llejla
fi Triq Anastasju Cuschieri – fejn
imħabbtek tinża' l-metafori u bi lsienna ssir
tlissina bla tidwir xejn. U nibża'. Tgħid,
għax l-imħabba l-falliment li drajt
insawwar f'moħħi għal kull *love story*?

Fis-sigħat ħdejk jitnikker il-kapriċċ.
Is-sigħat ħdejk, iniffsuni mill-ġdid. Ifissduni. Nitlob li,
ifalluli ftit ieħor in-nifs, it-taħbit tal-qalb ... dal-ħsieb.

*Ħsieb u qalb lilek nagħti flimkien*.